

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2021/1989**tal-15 ta' Novembru 2021****li temenda d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivifid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarusjsja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Ġholi tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-15 ta' Ottubru 2012, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK ⁽¹⁾, dwar miżuri restrittivi kontra l-Belarusjsja.
- (2) Fl-24 ta' Ġunju 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2021/1031 ⁽²⁾, li emendat id-Deċiżjoni 2012/642/PESK biex tintroduċi għadd ta' restrizzjonijiet ekonomiċi, inkluż projbizzjoni tal-ġhoti ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni lill-Gvern Belarussu u lill-korpi u lill-aġenziji pubbliċi Belarussi.
- (3) F'dan il-kuntest, huwa xieraq li jiġu introdotti ċerti eċċezzjonijiet għall-projbizzjoni tal-ġhoti ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni lill-Gvern Belarussu u lill-korpi u lill-aġenziji pubbliċi Belarussi.
- (4) Hija meħtieġa aktar azzjoni mill-Unjoni sabiex ċerti miżuri jiġu implimentati.
- (5) Għalhekk id-Deċiżjoni 2012/642/PESK jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 2j tad-Deċiżjoni 2012/642/PESK huwa sostitwit bis-segwenti:

"Artikolu 2j

1. Għandu jkun ipprojbit li tiġi pprovduta assigurazzjoni jew riassigurazzjoni:
 - (a) lill-Gvern Belarussu, lill-korpi, lill-korporazzjonijiet jew lill-aġenziji pubbliċi tiegħu; jew
 - (b) lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f'isem jew fuq ordni ta' persuna ġuridika, entità jew korp imsemmija fil-punt (a).
2. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għall-ġhoti ta' assigurazzjoni ta' responsabbiltà obligatorja jew ta' parti terza lil persuni, entitajiet jew korpi Belarussi fejn ir-riskju assigurat jinsab fl-Unjoni jew għall-ġhoti ta' assigurazzjoni għal missjonijiet diplomatiċi jew konsulari tal-Belarusjsja fl-Unjoni.
3. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 1 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni ta' kuntratti konklużi qabel il-25 ta' Ġunju 2021 jew il-kuntratti anċillari neċessarji għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.'

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK tal-15 ta' Ottubru 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarusjsja (ĠU L 285, 17.10.2012, p. 1).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1031 tal-24 ta' Ġunju 2021 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarusjsja (ĠU L 224 I, 24.6.2021, p. 15).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Novembru 2021.

Għall-Kunsill

Il-President

J. BORRELL FONTELLES
